# ITTRAĦBAR

MAĦRUĠA
MILL-UFFIĊĊJU
TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI
EWLIENI

Ħarġa Nru 08 - Mejju 2017

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2017 Malta għandha t-tmun tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – avveniment importanti li poġġa lil pajjiżna fiċ-ċentru tal-Ewropa, kemm minħabba l-għadd kbir ta' laqgħat li qed isiru f'pajjiżna kif ukoll minħabba r-riżultati li nkisbu f'diversi oqsma. F'dan kollu naraw il-ħidma u s-sehem tas-Servizz Pubbliku.

**Matul din il-Presidenza, s'issa:**

Saru b'kollox
**2,533**
laqgħa

Ġew Malta
**10,500** delegat u **1,800** ġurnalist

Il-Presidenza kellha aktar minn
**33,000**
*follower* fuq Facebook, aktar minn
**10,000**
fuq Twitter u aktar minn
**1,100**
fuq Instagram

Ġew organizzati **18** -il avveniment kulturali f'Malta u **40** f'pajjiżi barranin

Kien hemm 'il fuq minn
**4.5 miljun**
Twitter *impressions*, iżjed minn
**180,000**
*website hit*, u 'l fuq minn
**1,500**
*app download*

Il-*videos* tal-Presidenza rawhom
**mal-1.1 miljun**
persuna

Fuq il-midja soċjali ntlaħqu
**mal-15.8 miljun**
utent madwar id-dinja



Il-Presidenza laħqet il-miri tagħha f'diversi oqsma, fosthom il-migrazzjoni; is-suq u l-konsumatur (fejn rajna t-tmiem tar-*roaming charges*); is-sigurtà; l-inklużjoni soċjali; u s-settur marittimu. Intlaħqu diversi ftehimiet dwar oqsma differenti biex il-ħidma tkompli wara li tintemm il-Presidenza.

AGĦFAS HAWN

Tliet laqgħat partikolari li saru taħt il-kappa tal-Presidenza u li jolqtu lis-Servizz Pubbliku b'mod dirett huma l-laqgħa tad-diretturi u l-esperti dwar Regolamentazzjoni Aħjar, li saret f'Jannar; il-laqgħa tal-EPSO li saret f'Marzu; u l-laqgħa tal-EUPAN li saret f'April.



Il-laqgħa dwar **Regolamentazzjoni Aħjar** (magħrufa aktar bħala *Better Regulation*) saret bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan li matul is-sitt xhur tal-Presidenza Maltija, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Amministrazzjoni Pubblika jimbottaw l-aġenda tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar, li minnha jibbenefikaw iċ-ċittadini, in-negozji u s-soċjetà ġenerali. Permezz ta' din il-laqgħa, u laqgħat oħra li saru dwar l-istess suġġett, Malta tat is-sehem tagħha biex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea tkun aktar relevanti għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini, iżjed effettiva u inqas ta' xkiel għall-intrapriżi ż-żgħar, l-industrija u ċ-ċittadini.

Fil-laqgħa tal-**EPSO** (European Personnel Selection Office), l-esperti miġbura taw rendikont tal-proċessi attwali u futuri tar-reklutaġġ. L-EPSO fil-fatt hija l-organizzazzjoni responsabbli mill-proċessi tal-għażla għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitati tar-Reġjuni u l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

Fil-laqgħa ġie diskuss l-immaniġjar tan-nies fis-Servizz Pubbliku Malti; l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar biex titjieb l-effiċjenza tal-mod kif titkejjel il-prestazzjoni tal-ħaddiema; ir-rwol tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fejn jidħlu proċessi ta' reklutaġġ; u s-sehem tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi fl-iżvilupp tal-karrieri fi ħdan is-Servizz Pubbliku.



Fil-laqgħa tal-EUPAN (European Union Public Administration Network) ġew diskussi l-għanijiet tal-Presidenza Maltija kif ukoll il-prijoritajiet tal-Presidenza li jmiss, jiġifieri dik tal-Estonja. Din il-laqgħa ġiet indirizzata fost oħrajn mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Mario Cutajar, li tkellem dwar it-tiġdid li seħħ fis-Servizz Pubbliku tul dawn l-aħħar erba' snin u semma d-diversi inizjattivi li ttieħdu bħala parti minn dan it-tiġdid.






# 9TH EUROPEAN QUALITY CONFERENCE

Fil-15 u s-16 ta' Mejju, ukoll taħt il-kappa tal-Presidenza, saret f'Malta d-disa' Konferenza Ewropea dwar il-Kwalità. It-tema ta' din il-konferenza kienet "Joining Forces and Breaking Silos towards a Better Performing and Inclusive Public Administration".

F'din il-konferenza, li għaliha attendew madwar 300 delegat barrani, ġie diskuss it-titjib li sar fil-kwalità tas-servizz mogħti mis-Servizz Pubbliku kif ukoll miżuri li se jittieħdu biex dan it-titjib ikompli jseħħ.






Il-konferenza ġiet indirizzata fost oħrajn mill-Prim Ministru Joseph Muscat u minn diversi kelliema oħra fosthom Frank Van Massenhove, Dr Edward de Bono, Dimis Michaelides u Andrea Halmos.

Fil-fatt fil-konferenza tnedew 12-il *Key Performance Indicator* (KPI) ġdid għas-Servizz Pubbliku li jridu jitlestew f'100 jum. Dawn il-KPIs - li qed jiġu introdotti fis-Servizz Pubbliku għall-ewwel darba - jolqtu diversi oqsma, fosthom l-enerġija, l-ilma, l-edukazzjoni, il-konsumatur, in-negozji, is-sigurtà soċjali, il-ġustizzja, il-biedja u t-trasport pubbliku.






# L-EWWEL FTEHIM KOLLETTIV TAX-XORTA TIEGĦU FIS-SERVIZZ PUBBLIKU

Fl-20 ta' April ġie ffirmat ftehim kollettiv li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fis-Servizz Pubbliku. Dan huwa l-ħames ftehim għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, iżda l-ewwel wieħed li jkopri perjodu ta' tmien snin.

Il-ftehim jaffettwa mat-30,000 impjegat u se jiswa €17-il miljun fl-2017, liema spiża titla' għal €20.5 miljun fl-2024. Jinkludi kemm żidiet fil-pagi kif ukoll żieda f'xi *allowances*.

Filwaqt li qabel il-ftehim kollettiv ġdid tas-Servizz Pubbliku kien jiġi ffirmat xi sentejn wara li jkun skada l-ftehim preċedenti, din id-darba l-ftehim il-ġdid ġie ffirmat erba' xhur biss wara li skada dak ta' qablu.

Il-ftehim ġie ffirmat fil-preżenza tal-Prim Ministru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Mario Cutajar, u minn dawn il-*unions*: il-General Workers' Union (GWU), il-Kamra Maltija tal-Psikologi (MCP), il-*Union* Maltija tal-Infermiera u l-Qwiebel (MUMN), il-*Union* Maltija tal-Għalliema (MUT), l-Assoċjazzjoni Medika Maltija (MAM), UĦM – Voice of the Workers, u l-*Union* tal-Periti u l-Inġiniera tas-Servizz Pubbliku.